Minuti tal-32 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-31 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Artiklu fuq il-Gazzetta**

2.1 Is-Sindku talab li qabel jibda' l-agenda xtaq jinforma lill-Kunsill dwar allegazzjonijiet li qed isiru. Il-Kunsill qabel u is-Sindku spjega kif fl-ahhar jiem saru allegazzjonijiet fil-konfront tas-Sindku b'mod personali u l-Kunsill fuq mezzi tax-xandir lokali relatati mall-kaz ta' skandlu Debono fejn intqal li saru xogholijiet anke fl-Gharb. Is-Sindku iddikjara li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u tal-Kunsill huma infondati u talab lill-Kunsill sabiex ikun jista' ikellem avukat f'dan ir-rigward u jittiehed parir dwar x'azzjoni tista' tittiehed. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.0 Ambaxxatur V16**

3.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie diskuss fl-Agenda precedentament, l-Ambaxxatur prezenti Pierre Camenzuli kien ser jaghlaq 18-il sena u ghalhekk il-Kunsill irid isib ambaxxatur iehor. Il-Kunsill kiseb lista' ta' zghazagh li din is-sena ser jghalqu 16-il sena. Peress li uhud mill-lista kienu nepputijiet ta' Anthony Camilleri u ghalhekk kien hemm interess personali, s-Sindku gentilment talab lis-Sur Camilleri sabiex johrog mill-kamra.

Anthony Camilleri hareg mill-kamra.

Is-Sindku qara l-lista ta' zghazagh li jistghu jkunu ambaxxaturi prospettivi. L-ghazla marret fuq Katrina Grima u Elizabeth Cassar. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu avvicinati l-ewwel Katrina Grima u wara Elizabeth Cassar biex naraw jekk jaccettawx din il-kariga.

**4.0 Funerali**

4.1 Wara d-diskussjoni li saret fil-laqgha precedenti, gew iffurmat set ta' proceduri li jistghu jigu adottati f'kaz ta' funeral fejn jidhlu Sindku, Ex-Sindku, Kunsilliera, Ex-Kunsilliera, impjegati, ecc.

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat is-set ta' proceduri ippreparati u saret spjegazzjoni taghhom.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-proceduri ghandhom jidhlu fis-sehh b'mod immedjat. Is-Segretarju Ezekuttiv ser ikun qed jippromwovi dawn ir-regoli f'kaz ta' xi okkazjoni imsemmija.

5.06pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha

Kopja tal-Proposti ser tinghata lill-Arcipriet u lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li ghandu jadotta dawn il-proceduri sakemm ikun hemm il-kunsens tal-familja tal-mejjet/a.

**5.0 Infiorata**

5.1 Gie spjegat li qed jidhol iz-zmien u l-Kunsill ghandu jibda' jahseb fid-dizinn tat-temi ta' l-Infiorata. Saret diskussjoni dwar x'temi jistghu jintuzaw. Il-Vici Sindku qalet li l-Knisja iddedikat din is-sena ghall-Hajja Konsagrata. Is-Sindku ippropona sabiex ikun fiha l-Arcisqof gdid jew wiccu jew logo tieghu u l-Kunsill jista' jara' x'inhi t-tema tas-sena bhala Unjoni Ewropeja.

Il-Vici Sindku qalet li x'aktarx hemm ukoll anniversarju Ta' Pinu. Sar qbil li ghandna nistaqsu lil Fr. Gerald Buhagiar Rettur ta' Pinu sabiex nistaqsuh dwar dan.

Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi ma' dawn it-temi sabiex l-artist ikun jista' jipprepara d-disinn.

Emanuel Muscat staqsa dwar il-Punt numru 2.0 – Ambaxxatur V16 fejn is-Sindku tah spjegazzjoni ta' min kienu l-preferenza tal-Kunsill.

**6.0 Attivitajiet ta' l-Ghid**

6.1 Saret diskussjoni dwar x'attivitajiet jistghu jsiru fiz-zmien l-Ghid fejn il-Kunsill qabel li jsir il-harga ta' l-Ghid ghall-Anzjani nhar il-Hadd 19 ta' April u jitqassam bajd ta' l-Ghid lit-tfal tal-lokalita'.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar il-bollards tal-Pjazza fejn sar qbil li l-Kunsill ghandu jitkellem ma' Raymond Cauchi sabiex nistaqsuh jekk jarawx li hemm bzonn li jitharku l-bollards ghal waqt id-dimostrazzjoni ta' l-irxoxt.

Emanuel Muscat issugerixxa sabiex jintuzaw il-kartun bhal dawk tal-pellets tas-soft drinks sabiex ma jsirx hsara lill-bollards.

**6.0 Materji ohra**

6.1 Is-Sindku spjega li kif gie diskuss fil-laqgha precedent l-*camera* tal-Pjazza giet installata pero' fil-prezent qed isiru xi testijiet fuqha qabel tibda' tahdem *live*. Kif tkun lesta u tkun ser tibda' topera, ser jintbghat avviz fid-djar sabiex jigu infurmati r-residenti.

6.2 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-*camera* tal-Knisja peress li ma kienetx cara hafna. Gie spjegat li din qeghda tahdem b'sistema antika. Is-Sindku spjega li minn kwotazzjoni li giet moghtija mis-*Supplier* ta' Skylive cameras ghas-somma ta' €1000 fis-sena l-Kunsill ikun jista' jkollu *camera* tal-pjazza bis-sound, *camera* fil-knisja bis-sound, *camera* f'Wied il-Mielah u *camera* fi Pjazza Gerano.

Emanuel Muscat staqsa dwar kemm jistghu jidhlu fiha nies fl-istess waqt. Gie spjegat li m'hemmx limitu bhal ma kienet l-ewwel camera li kellu l-Kunsill u jistghu jidhlu numru illimitat ta' nies minghajr ma jigi affettwat is-servizz.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 7.0 Progetti u Xogholijiet

7.1 Is-Sindku spjega li l-unika progett li ghandna ghaddej fil-prezent huma x-xogholijiet fuq il-ground tal-football fejn ghall-ahhar tal-gimgha d-diehla ghandu jinbeda x-xoghol tal-concrete u paving.

Gie spjegat li fuq l-ground kienet inholqot problema minhabba l-ilma li gej minn Ta' Dbiegi u li qed jispicca jaqbez gewwa l-ghelieqi qed jghaddi mill-fili u jispicca fil-ground. Fil-prezent il-Perit kien qieghed jistudja sabiex jara jekk isirx *surface culvert* biex tissolva l-problema.

Saret diskussjoni ukoll dwar il-gutters li skond l-offerta' ghandhom isiru kull 15m peress li l-ilma fil-ground ha jkun jaqleb ghaz-zewg nahhat.

Kien hemm diffikulta' ghaliex x'aktarx kull 15m kienu ftit u l-ahjar li jizdiedu. Il-Perit kien issugerixxa li dawn ghandhom jitwahhlu fil-*catchment area*. Qed tinhadem stima ta' kemm ser tiswa din il-varjazzjoni.

Anthony Camilleri qal li kien hemm gandott antik f'din iz-zona pero' kien sfrondut. Emanuel Muscat isugerixxa li kienu tajjeb wiehed isib fondi ghal hafna gandotti antiki li sfortunatament illum jinsabu.

7.2 Is-Sindku spjega li fi Sqaq il-Fgura inholqot problema peress li hemm zewg hitan int u niezel wiehed fejn hemm il-qasab u l-iehor tal-faccata li kienu f'periklu li jaqghu. Il-problema hi li ma nafux min huma s-sidien u ghalhekk l-Kunsill qabel li jiehu hsieb ta' dawn qabel ikun hemm xi incident. Il-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin kien diga mar u kejjel il-hitan. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinqalghu permezz ta' JCB u jinbena hajt ghar-rasu.

7.3 Gie spjegat li l-*fence* tal-ground tal-football huwa mistenni li jinbeda' l-Gimgha d-diehla. L-Gharb Rangers F.C. talbu sabiex quddiem is-seating area ma jsirx fence biex ikunu hemm vizwal tajjeb tal-ground. Il-Perit ser ikun qed jahdem stima sabiex

minflok fence isir hajt u ghalhekk irridu naraw li ma jinqabisx il-budget. Il-Kunsill qabel ma' dan pero' jekk ikun ser jigi jiswa wisq ghandu jibqa' ghaddej ix-xoghol.

7.4 L-Arbli tad-dawl tal-ground twahhlu pero' d-dawl ghadu mhux connected peress li ghad irid jigi identifikat jekk ikunx possibli li jsir paving quddiem il-kumpless sabiex din iz-zona tigi finalizzata pero' dan jiddependi mill-Budget tal-Progett. S'issa kif diga gie diskuss fl-laqghat precedenti diga kien hemm varjazzjoni fuq l-ewwel xogholijiet.

Is-Sindku isugerixxa sabiex il-Kunsill jghaddi l-ewwel pagamenti ta' €30,000.00 u ssir estensjoni taz-zmien meta jrid jitlesta' x-xoghol minhabba li kien maltemp u ma setghax jahdem il-kuntrattur. Il-Kunsill qabel unanimament li jghaddi l-ewwel pagament u li jigi estiz iz-zmien.

7.5 Il-Kunsill gie infurmat ukoll li s-sid tal-ispizerija li ser tiftah fi Triq Frangisk Portelli talbet sabiex issirilha bankina b'mod partikolari minhabba l-handicapped u pushchairs. Is-Sindku spjega li peress li din hija triq arterja t-talba saret lill-Gvern Centrali biex jkun jista' jaghmel ix-xoghol u qeghda tintbghat ukoll email f'dan ir-rigward.

7.6 Giet diskussa l-problema tal-pitch fil-leisure park peress li hemmhekk qed jinzamm l-ilma anke' ghar-raguni li dan qieghed taht it-triq u ghalhekk hemm bzonn li jsir drain. Il-Kunsill qabel li sakemm ikun possibli d-drain jigi connected mad-drain tal-ground u mhux jintefa' fl-eghlieqi. Il-Kunsill qabel li l-Perit ghandu jintalab jipprepara stima ta' dawn ix-xogholijiet.

**8.0 Skeda ta' Pagamenti**

8.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**9.0 Materji ohra**

9.1 Gie spjegat li l-Arcipriet ghamel talba lill-Kunsill sabiex id-dawl tal-Via Sagra ikun jista' jinxtghel mill-meter tal-Kunsill li hemm fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif diga kien informa fl-laqgha precedenti fejn pero' kien hemm membri differenti, meta jinhareg permess ghal-eghluq ta' xi triq minflok ma jingab gwardjan lokali jinghataw lilhom tabelli / barriers tal-Kunsll fejn jintalab depozitu ta' €10 fuq kull tabella u kera ta' €2.33 ghal kull tabella / barrier.

9.3 Gie spjegat li l-impjegati tal-Kunsill qeghdin jiltaqghu ma' diffikulta' peress li qed jigri li mhux qed ikollhom hin filghodu sabiex jifthu u jippreparaw kollox minhabba li n-nies qed jigu kmieni hafna u filghaxija gie li jkollhom joqghodu wara l-hin biex isir l-eghluq u jsir anke id-depozitu ta' flus. Kien ghalhekk isugerrit li filghodu l-Kunsill jinfetah fit-8.30am u jghalaq fit-3pm. Il-Kunsill qabel unimament.

9.4 Gew diskussi stimi minghand Fantin Metal Works dwar il-grada tal-culvert ta' fejn il-Knisja taz-Zejt u railings ta' l-istaineless steel ghal min ikun diehel fil-Knisja taz-Zejt. Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogholijiet ghandu jsiru.

9.5 Gie spjegat li saret talba minghand Twanny Farrugia sabiex jehel fanal fejn il-farmhouse tieghu fl-ewwel sqaq fuq in-naha tax-xellug hekk kif tidhol fi Sqaq il-Fgura. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jehel.

9.6 Saret diskussjoni dwar il-Monument fi Triq l-Gharb. Gie spjegat li l-permess tad-DNO tal-MEPA gie approvat. Minn stimi li ingabu s'issa jidher li l-parti tal-hadid tigi tiswa €1180.00 u ghall-pedestal tigi €1770.00. Apparti dan jibqa' ix-xoghol tad-dawl u l-arbli. Dawn ix-xogholijiet jaqbzu l-limitu u ghalhekk trid tinhareg sejha ghall-kwotazzjoni pubblika. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg u tigi diskussa waqt il-laqgha li jmiss.

9.7 Il-Kunsill iddiskuta l-belveder tal-Wied ta' Jodros fejn jidher li dan ghandu bzonn *upgrading* fejn jitpoggew pjanti godda, isir dawl gdid u xogholijiet ohra relatati. Sar qbil li ghandu jigi ikkuntatjat il-Perit sabiex jigu diskussi x-xogholijiet li jridu siru bil-possibilita' li jsir kollox qabel il-festa tar-rahal li jmiss.

9.8 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika fl-iskema ta' attivitajiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jigi organizzat Seher il-Punent lejn Ottubru qrib il-festa ta' San Dimitri. Fl-applikazzjoni l-Kunsill kien applika sabiex isir tip ta' musical / operetta f'xi Pjazza bhal Pjazza Gerano jew Pjazza Principali bit-tema ta' San Dimitri fejn il-Pjazza li ser tintuza' tigi armata bhal antiki bil-*bars* u affarijiet ohra simili bhal ma kien sar meta ingibed il-film gewwa l-Gharb biex l-atmosfera tiehdok ghaz-zmien ta' l-antik. Il-Kunsill irid jara li jkollu producer, kittieb tal-muzika, u persuna ohra li tikteb l-iscript. L-iskop tal-Kunsill huwa li jilhaq l-istil ta' opera / operetta peress li f'dan l-istagun huwa z-zmien li jigu imtella'. S'issa l-Kunsill irnexxielu jikkuntatja lil Sebastian Saliba sabiex jikteb il-kliem, Ray Sciberras sabiex jikteb il-muzika u lil Zep Camilleri bhala producer. Dan ta' l-ahhar jigi inkarigat ukoll sabiex jiehu hsieb l-operas li jitellghu mill-Astra u mill-Aurora. Seher il-Punent ser jitella' b'dan il-mod bi prova u jekk jikseb success ikun jista' jerga' jsir b'dan il-mod fis-snin li gejjin. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bil-preparamenti.

Il-Vici Sindku staqsiet dwar meta ser tkun id-data tieghu. Gie spjegat li minhabba l-opri ma jistax jinzamm fid-data meta ser issir il-festa ta' San Dimitri pero' jsir f'xi gurnata f'Ottubru.

Emanuel Muscat qal li huwa importanti li l-atturi ikunu persuni distinti. Is-Sindku ikkonferma li dik hija l-ideja pero' dawn iridu jigu identifikati hekk kif jinkiteb l-iscript. Jekk juzaw persuni distinti dawn jghinu ukoll ghax bihom issir pubblicita' ghall-festival innifsu.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet jekk Pjazza Gerano hijix kbira bizzejjed. Gie spjegat li l-producer u dawk involuti iridu jigu fuq il-post biex jaghtu l-opinjoni taghhom u ttiehed decizjoni. Jekk Pjazza Gerano tkun zghira irid isir fil-Pjazza Principali pero' din tista' tohloq problema peress li z-zona hija iktar u ghalhekk ikun hemm iktar spejjez involuti. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

9.9 Gie spjegat li l-Kunsill ircieva talba sabiex isir kors tal-bexx. Sar kuntatt ma' persuna kwalifikata' sabiex torganizza dan il-kors fejn din infurmat lill-Kunsill li l-kors jista' jsir gewwa Ghawdex fejn ghall-beginners ikun jiswa €15 u ghal dawk li jridu jaghmlu refresher course jigi jiswa €10. Dan isir f'gurnata' u wara tinhareg il-licenzja mehtiega. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jorganizza dan il-kors.

9.10 Emanuel Muscat staqsa dwar l-applikazzjonijiet ghall-progetti kapitali li gew sottomessi. Gie spjegat li l-applikazzjonijiet tal-Kunsill ma gewx maghzula.

9.11 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li xi nies li kienu mexjin matul it-Triq ta' Pinu ilmentaw li l-latrina ta' Triq Ta' Pinu ma kienetx qed tkun nadifa. Gie spjegat li l-Kunsill kien diga ha hsieb li jaghmel upgrade fejn twahhlu hand dryers u flushings godda. Ser tingibed l-attenzjoni ta' l-Gharb Rangers F.C. sabiex jiehdu hsieb izommuha nadifa.

9.12 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar hitan imwaqqghin f'Wied il-Mielah u dwar xi hmieg li kien hemm f'dan il-post. Apparti dan huwa qal li hemm zewg ilqugh li ghal xi raguni ma kienux qed izommu ilma. Gie spjegat li ser issir site visit fuq il-post. Dwar l-ilqugh is-Sindku spjega li kien hemm xi problemi bit-tappieri tal-Water Services u li fil-fatt kellu laqghha maghhom ghaliex riedu permess mill-Kunsill biex jirrangawhom fejn dawn kienu qed joholqu problema anke fil-pumping station.

Emanuel Muscat semma ukoll li qed jinzamm ilma fit-triq. Is-Sindku isugerixxa li biex tissolva din il-problema iridu jsiru toqob fit-triq u li jista' jigi ikkuntatjat Baskal Saliba biex jaghmel dan. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 10 Korrispondenza

10.1 Minghand Transport Malta fir-rigward ta' talba minn Mary Anne Piscopo ghal Triq Frenc ta' l-Gharb fejn wara site visit li saret mit-Transport Malta dawn infurmaw lil Kunsill li huma qed jisugerixxu li ssir tabella ta' speed limit ta' 30km/h u issir road hump. Kien issugerit sabiex issir site visit ohra fejn ikun hemm prezenti raprezentant tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.2 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA 00056/15 u PA00543/15.
Notifika ta' Avviz ta' Infurzar – EC/00033/15.

10.3 Gew trattati kwotazzjonijiet minghand Mallia Developments Ltd, Joseph Caruana Co. Ltd u Francis Caruana Ltd sabiex isir raff fil-garaxx tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi ma' l-irhas kwotazzjonijiet migbura.

10.4 Minghand Agenzija Zghazagh fir-rigward ta' progetti li jistghu jsiru bl-involviment taz-zghazagh u bl-involviment tal-Kunsill. Gie deciz li din ghandha tigi trattata fil-laqgha li jmiss.

10.5 Minghand l-Arcipriet tal-Qala dwar Gozo International Celebration li ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Marzu, 2015 fil-Knisja tal-Qala.

10.6 Il-Vici Sindku semmiet li d-dawl ta' man-nicca ta' fuq id-dar taghha mhux qed tixghel. Gie spjegat li l-kuntrattur tad-dawl diga gie infurmat u li ser jittiehdu l-passi biex jerga' jigi infurmat mill-gdid li minkejja li sar ir-rapport xorta ghadu ma sar xejn.

## 11.0 Aggornament

11.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar f'wahda minn dawn id-dati 21, 22 jew 23 ta' April, 2015 fit-5pm.

11.1 Il-laqgha spiccat hin 5.07pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv